**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 271/11**

**Illum: 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Conrad Axisa**
**(ID 50381(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Conrad Axisa ta' 30 sena, imwieled Pieta` fit-13 ta' Jannar 1981, iben Carmelo u Marianne nee` Bartolo, residenti 'Paloma Bianca', Triq il-Garakol, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 50381(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul is-sena 2009 u fis-sentejn ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma

kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Aktar talli matul dawn l-ahhar sena u nofs, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ircieva minghand haddiehor, jew kiseb minghand haddiehor, xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun, b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

e) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza l-vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, hedded kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm, lil Duncan Buttigieg minn Hal-Ghaxaq b'xi delitt, u liema theddid kien fih ordni jew kundizzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Duncan Buttigieg u l-familjari tieghu u dan billi torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 383(1), (2), (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat wiegeb illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Wara illi kien ilu f'kuntatt ma' pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ghal diversi xhur, certu Duncan Buttigieg irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-4 ta' Awwissu 2011, fejn fiha huwa indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li kienet fornietu bid-droga kokaina ghal perjodu ta' madwar sentejn. Fl-istess stqarrija, Buttigieg iddikjara wkoll *inter alia* illi l-istess imputat kien qed jheddu sabiex ihallsu xi flus li huwa kien ghad fadallu jaghtih tad-droga li kien xtara minghandu fil-passat u in oltre illi l-imputat kien qed jitolbu hlas bl-uzura. Skont ix-xhud, stante illi kien diga` hallas lill-imputat hafna izjed flus minn dak li kien dovut minnu, kif ukoll stante illi l-imputat kien ghadu qed jitolbu izjed flus, apparti illi kien fi kliemu "*imwerwer minnu*"[1] minhabba t-theddid kostanti tieghu illi kien ser jisparalu f'irkubbtejh jew itajjarlu saqajh, huwa ddecieda li jirrilaxxja din l-istqarrija lill-pulizija. Fl-istess jum, Buttigieg ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[2]

Dakinhar stess tal-4 ta' Awwissu 2011, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat odjern, fejn instabu xi affarijiet relatati mad-droga u l-imputat gie arrestat. Fl-istqarrija mehuda lilu nhar il-5 ta' Awwissu 2011, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi, minghajr ebda konsegwenza. L-ghada l-imputat gie mressaq quddiem il-Qorti taht arrest, sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet odjerni.

Jirrizulta mix-xhieda ta' PC 923 Pierre Guido Saliba[3] illi huwa ghamel tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat odjern f'Hal Ghaxaq, flimkien ma' PS 635 u WPC 149, waqt liema tfittxija nstabu bhal *bong* tal-plastik, flixkun tal-plastik u *straw*, mgharfa b'sustanza bajda u fid-*dustbin*, instabu xi boroz u kantunieri li skont ix-

---

[1] Ara a fol. 10 tal-process verbal dwar l-istqarrija guramentata ta' Duncan Buttigieg, liema process verbal jinsab esebit a fol. 26 tal-process.
[2] Ara l-process verbal esebit a fol. 26 tal-process, li fih hemm esebita l-istqarrija ta' Buttigieg lill-pulizija nhar l-4 ta' Awwissu 2011, kif ukoll ix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti tal-istess jum.
[3] Ara a fol. 74 u 75 tal-process.

xhud, kien fihom xi sustanza bajda. Da parti taghha, WPC 149 Ruth Sammut tixhed illi fil-*cupboard* tal-kcina, instabu mgharfa bi trab abjad, *bong*, u pillola blu u xi kantunieri u boroz tal-plastik, skont hi relatati mad-droga. Dawn tal-ahhar kienu gewwa *plastic bag* taht is-sink. Ix-xhud gharfet dawn l-oggetti bhala l-oggetti esebiti mill-Prosekuzzjoni bhala Dokument JB4.[4] PS 635 Alan Calleja, li wkoll kien prezenti ghal din it-tfittxija, jixhed illi fil-*cupboard* tal-kcina nstabu flixkun tal-plastik li kien jintuza bhala *bong*, mgharfa b'xi tracci fuqha, pillola blu, xi *foil* u zewg kantunieri tal-plastik, li kienu vojta.[5]

Skont ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[6], mahtur minn din il-Qorti sabiex janalizza l-kontenut ta' Dokument JB4[7], huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi tieghu:

Borza tal-plastik trasparenti, bin-numru serjali M00105172, li go fiha kien hemm:

a) Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 04-08-11, Hin 23.30 Hrs., Elevat/i minn WPC 149, PC 635, fil-presenza ta' Kelly Axisa, 140487M, minn kitchen cupboard". F'din il-borza kien hemm flixkun tal-plastik li kien bla tap u fl-ghonq tal-flixkun kien hemm *straw* tal-plastik;

b) Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 04-08-11, Hin 23.30 Hrs., Elevat/i minn WPC 149, PC 635, fil-prezenza ta' Kelly Axisa 140487M, minn kitchen cupboard". F'din il-borza kien hemm mgharfa tal-metall b'sustanza ta' lewn *off-white* fiha u *blister pack* b'nofs pillola ta' lewn celesti;

c) Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 04-08-11, Hin 23.30 Hrs., Elevat/i minn WPC 149, PC 923, fil-prezenza ta' Kelly Axisa 140487M, minn *dust bin*". F'din il-borza kien hemm bicca plastik trasparenti, bicca *foil*, *straw* tal-plastik u borza zghira tal-plastik trasparenti vojta.

Skont l-istess relazzjoni, saru analizi ghall-presenza ta' kokajina fuq l-i*straw* indikata hawn fuq fil-paragrafu (a), l-imgharfa li kien fiha sustanza ta' lewn *off*-

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 76 sa 79 tal-process.
[5] A fol. 150 u 151 tal-process.
[6] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 133 *et seq* tal-process.
[7] Ara d-digriet tas-7 ta' Settembru 2011, a fol. 52 tal-process.

*white* hawn fuq indikata fil-paragrafu (b) u l-i*straw* u l-borza tal-plastik vojta ndikati fil-paragrafu (c).

L-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi ma nstabux sustanzi llegali fl-i*straw* tal-plastik (paragrafu a) u fl-i*straw* tal-plastik u fil-borza tal-plastik vojta (paragrafu c);

b) Illi n-nofs pillola ta' lewn celesti (paragrafu b) instab li fiha s-sustanza *Sidenafil (Viagra, vasosilator*) ta' doza ta' 100 mg. Din il-pillola mhiex ikkontrollata bil-ligi;

c) Illi nstabu <u>tracci tas-sustanza kokajina fuq l-imgharfa tal-metall</u> (paragrafu b). Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. [sottolinear tal-Qorti]

Ix-xhud Duncan Buttigieg xehed f'dawn il-proceduri u kkonferma l-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija nhar l-4 ta' Awwissu 2011.[8]

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u nnega illi huwa qatt biegh id-droga kokaina lil Buttigieg jew lil haddiehor jew inkella li kien talbu xi flus bl-uzura jew li kien heddu sabiex jaghtih lura s-somma ta' €600 illi huwa jghid illi kien sellef lil Buttigieg lejn l-ahhar ta' Dicembru 2010. L-imputat jghid ukoll illi minn din is-somma, Buttigieg kien hallsu biss €100, f'zewg pagamenti ta' hamsin ewro il-wiehed u li ghalhekk kien ghad fadallu jhallsu s-somma ta' €500. Skont l-imputat, Buttigieg ivvinta din l-istorja sabiex jehles minnu u minn dan id-dejn.[9]

In atti hemm esebiti wkoll ir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada[10], nominat minn din il-Qorti b'digriet tas-7 ta' Settembru 2011, sabiex johrog kull informazzjoni minn fuq il-*mobile* esebit bhala Dokument JB3, ossia l-*mobile phone* elevat mill-pussess tal-imputat meta gie arrestat, kif ukoll *call profiles* tan-numri 99676138, li mill-istqarrija ta' Duncan Buttigieg, jirrizulta illi huwa n-numru tal-*mobile* tal-istess Buttigieg u 79048213, li skont l-istess Buttigieg, huwa n-numru tal-*mobile* tal-imputat odjern. Dawn gew esebiti minn Michelle Penza, in rapprezentanza ta' Vodafone.[11]

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 59 sa 73 tal-process.
[9] A fol. 161 sa 171 tal-process.
[10] Din tinsab esebita a fol. 90 tal-process.
[11] Dawn jinsabu esebiti a fol. 93 sa 96 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud Duncan Buttigieg, li kif inghad, jghid illi huwa kien akkwista ammonti sostanzjali ta' droga kokaina minghand l-imputat fuq perjodu ta' sentejn, apparti illi jghid ukoll illi l-imputat kien qed jheddu kontinwament sabiex ihallas id-dejn li kellu mieghu b'konsegwenza tal-akkwist ta' din id-droga minghandu u jitolbu imghaxijiet ezorbitanti fuq l-ammont li kien ghadu dovut, li skont hu ghal xi zmien kien hallashom ukoll u mill-banda l-ohra, l-verzjoni tal-imputat li jinnega dan kollu u jghid illi huwa kien sellef is-somma ta' €600 lil Buttigieg, li baqa' biex hallsu biss is-somma ta' €100 f'zewg pagamenti ta' €50 il-wiehed f'Mejju u f'Lulju 2011 rispettivament. Ukoll skont l-istess imputat, fiz-zmien tal-arrest tieghu, huwa kien ghaddej minn perjodu hazin, stante illi kien ghadu kif tilef lil ommu u li dak iz-zmien kien gieli jaghmel uzu mill-kokaina.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (e) u (f) unikament a bazi tal-istqarrija rilaxxjata mix-xhud Duncan Buttigieg, liema stqarrija, kif inghad, huwa kkonfermaha bil-gurament kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, matul dawn il-proceduri.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia Duncan Buttigieg. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu, imbaghad, f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Duncan Buttigieg u mill-imputat u hasbet fit-tul dwarhom fil-kuntest tal-bqija tal-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri. Huwa minnu illi ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih saret referenza izjed 'il fuq, ix-xhieda ta' Duncan Buttigieg bhala l-persuna li, skont il-Prosekuzzjoni, kienet takkwista d-droga kokajina minghand l-imputat odjern, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohrajn. Madankollu f'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha illi ghajr ghall-*call profiles* esebiti mill-kumpanija Vodafone, li juru illi verament l-imputat kien ghamel numru ta' telefonati lil Buttigieg kemm fl-24 ta' Dicembru 2011, meta allura skont Buttigieg waslet l-ewwel theddida da parti tal-imputat fil-konfront tieghu illi kemm il-darba ma kienx ser ihallsu kien ser jisparalu zewg tiri f'irkopptu, kif ukoll f'diversi granet sussegwenti matul ix-xhur ta' wara u bghattlu wkoll diversi messaggi matul dan iz-zmien, il-verzjoni ta' Buttigieg ma ssib l-ebda sostenn fil-bqija tal-provi prodotti u in oltre, hemm provi li fil-fehma tal-Qorti jxejjnu l-verzjoni ta' Buttigieg. Dan apparti illi mill-istess *call profiles* jirrizulta wkoll illi kien hemm anke diversi drabi li fihom Buttigieg stess cempel lill-imputat odjern.

Jibda biex jinghad illi skont ix-xhieda ta' Buttigieg f'dawn il-proceduri, minn Ottubru 2011, huwa diga` kien ghamel kuntatt mas-Surgent Alan Calleja min-naha tal-Iskwadra kontra d-Droga. Ghalkemm PS 635 Alan Calleja jixhed f'dawn il-proceduri, madankollu, ma jsemmi xejn dwar dan u jixhed biss dwar it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat odjern. F'dan ir-rigward xehed PS 1086 Johann Micallef li jghid illi Buttigieg kien kellmu l-ewwel darba f'Dicembru 2010 dwar it-theddid in kwistjoni u jzid jghid illi skont Buttigieg, l-imputat beda jippretendi illi jaghtih xi droga biex ibieghhilu bhala hlas lura tal-flus li kellu jaghtih. Fl-ebda waqt dan ix-xhud ma jsemmi l-uzura jew dak allegat minn Buttigieg, fis-sens illi l-

imputat kien qed jitolbu somom fuq somom ta' flus sabiex jaghmel tajjeb ghal €200 dejn li huwa originarjament kellu mal-imputat u dan minkejja li skont l-istess xhud, Buttigieg baqa' jikkomunika mieghu minn Dicembru 2011 u fix-xhur ta' wara, sakemm finalment iddecieda li jirrilaxxja stqarrija. Il-Qorti tqis ukoll illi la darba Buttigieg kien ilu f'kuntatt mal-pulizija minn Dicembru 2010, tali kuntatt kien sar qabel l-imputat allegatament beda jitlob lil Buttigieg sabiex ihallas imghaxijiet ezorbitanti fuq is-somma originarjament dovuta, dejjem skont il-verzjoni tal-istess xhud. Fil-fatt fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Buttigieg jghid illi kien ghall-habta tal-ahhar ta' Frar 2011, illi l-imputat qallu illi s-somma ta' €200 kienet saret €650 u li sakemm ihallashom f'daqqa, kellu jaghtih €50 fil-gimgha. Skont Buttigieg ukoll, f'nofs Marzu 2011, huwa beda jhallas lill-imputat dawn is-somom ta' €50 fil-gimgha u baqa' jaghtihomlu sal-ahhar ta' Lulju 2011 – skont hu ghal madwar hmistax-il gimgha. Ukoll skont ix-xhieda tieghu, huwa ma felahx izjed meta l-imputat imbaghad, fit-2 jew fit-3 ta' Awwissu 2011 cempillu u qallu biex jaghtih €100 fil-gimgha, minflok €50, sakemm ikun f'posizzjoni li jhallsu s-somma ta' €650. Dan apparti illi skont ix-xhieda tieghu, meta huwa diga` kien hallas €550, huwa qal lill-imputat li kien ser jaghtih is-somma ta' €100 li kien fadallu f'daqqa l-gimgha ta' wara, izda l-imputat infurmah illi kellu jibqa' jhallas sakemm ma jaghtihx is-somma ta' €650 f'daqqa. Mela allura skont il-verzjoni ta' Buttigieg, minkejja li kien ilu f'kuntatt mal-pulizija sa minn Dicembru 2010 u kien baqa' f'kuntatt maghhom matul ix-xhur ta' wara, u dan ukoll skont ix-xhieda ta' PS 1086, xorta wahda huwa hallas is-somma ta' madwar €750, meta originarjament kellu jhallas biss €200 u kien biss meta l-imputat talbu €100 fil-gimgha u rega' heddu li jisparalu li ddecieda li jirrilaxxja l-istqarrija tieghu. Dan minkejja wkoll illi skont l-istess Buttigieg, huwa kien qed jigi mhedded kontinwament mill-istess imputat ghal xhur shah, tant li skont hu, kwazi kwazi kien qed jibza' johrog minn daru, ghalkemm jirrizulta minn kliemu li xorta kien qieghed johrog.

Il-Qorti tqis ukoll illi messagg partikolari fuq il-*mobile* tal-imputat ixejjen dak allegat minn Buttigieg. Fil-fatt jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, illi messagg mibghut minn Buttigieg minn fuq in-numru 99676138[12] lill-istess imputat nhar l-1 ta' Awwissu 2011, fis-19:17:36 jghid hekk: "*Is sibt tajjeb biex nigi tihodli ritratti tal passaport*?". Dwar dan, il-Qorti jidhrilha illi kieku kien minnu dak allegat minn Buttigieg u dan fis-sens illi l-imputat kien qed jheddu kontinwament bejn Dicembru 2010 u Awwissu 2011, inkluz illi f'Dicembru 2010 kien qallu li ser jisparalu lejn irkopptu, li kien tassew imwerwer minnu, tant illi fix-

[12] Dan in-numru huwa indikat fl-istqarrija tal-istess Buttigieg bhala n-numru tal-*mobile* tal-istess Duncan Buttigieg u huwa wkoll imnizzel fil-*Phone Book Contents* tal-*mobile* tal-imputat hdejn l-isem 'Duncan'.

xhieda tieghu jghid f'punt minnhom illi ma telax il-kazin ghax ma kienx jafdah u lanqas ma kien jaf sa fejn kien jasal l-imputat, u illi fiz-zmien illi l-imputat kien taht arrest preventiv gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin huwa kien qed johrog trankwill "*mhux il-hin kollu tkun qed thares lura tahseb li gejja xi daqqa jew xi haga hux*"[13], qajla kien ser jitlob lill-imputat biex imur ghandu sabiex jehodlu ritratt! Hija kwazi redikola d-dikjarazzjoni tal-istess Buttigieg fix-xhieda tieghu illi "*l-pulizija tibqa' taghtini protezzjoni assoluta sija lili u sija lill-familja tieghi*", meta ftit tal-jiem qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu, huwa stess baghat dan il-messagg lill-imputat. Mhux biss, izda messagg iehor fuq il-*mobile phone* tal-imputat, ukoll mibghut minn numru ta' Buttigieg fl-istess jum, ftit minuti wara l-messagg fuq indikat, jaqra hekk: "*E min fejn se ngibom 500 sa sibt, 50 ijwa u 50 id diehla u ta wara l kumplament. Dawk li nista nofrilek. Xejn aktar u xejn anqas. Gimatejn bil 50 u tielet gima l kumplament*". Dan il-messagg jikkorrobora izjed il-verzjoni tal-imputat milli dik ta' Buttigieg u dan stante illi l-imputat jghid illi sa dakinhar, Buttigieg kien ghad fadallu jhallsu lura s-somma ta' €500 mis-somma ta' €600 li kien sellfu, apparti l-verzjoni tal-imputat fis-sens illi wara li Buttigieg talbu sabiex jehodlu ritratt, huwa wiegbu fis-sens illi kellu l-ewwel ihallsu s-somma li kien ghad fadallu jaghtih u ghalhekk f'dan il-kuntest isegwi l-messagg ta' Buttigieg. Mill-banda l-ohra, Buttigieg jghid illi sa dakinhar l-imputat kien ghadu qed jitolbu s-somma ta' €650 f'daqqa, minkejja li kien ilu jhallsu €50 fil-gimgha minn Marzu 2010. Din il-verzjoni ma tinkwadrax mal-kontenut ta' dan l-ahhar messagg.

Il-Qorti tqis ukoll imbaghad illi gewwa r-residenza tal-imputat ma nstab xejn li jista' jindika traffikar ta' droga kokaina. La nstabet droga, la nstabu mwiezen jew boroz zghar, u lanqas instabu xi ammonti ta' flus jew xi notamenti li jistghu jigu assocjati ma' traffikar ta' droga, izda nstabu biss oggetti ossia mgharfa bi tracci tal-kokaina u flixkun tal-plastik li fih kien hemm *straw* li wiehed jista' jassocjahom ma' uzu ta' din id-droga. Ghalkemm l-Ufficjali tal-Pulizija li ghamlu t-tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat jghidu li sabu xi boroz tal-plastik u kantunieri, mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi huwa nghata biss in kwantu boroz jew plastik, bicca plastik trasparenti u borza zghira tal-plastik trasparenti vojta li, apparti li nstabu fid-*dustbin*, wahedhom certament li ma jistghux jigu abbinati ma' traffikar ta' droga.

In oltre il-Qorti tikkunsidra wkoll ix-xhieda ta' Victor Fenech li jigi z-ziju tar-rispett ta' Buttigieg, li jghid illi l-istess Buttigieg kien qallu illi kien issellef xi flus minghand l-imputat odjern u kien qallu wkoll illi "*min jigi ghalihom il-flus … jien*

[13] A fol. 69 tal-process.

*niehu passi bil-pulizija*".[14] L-istess Fenech jghid ukoll illi huwa hass li dan ma kienx gust u ghalhekk, avvicina lill-imputat u qallu b'dan id-diskors ta' Buttigieg. Ix-xhud ikompli jghid hekk: "*Ghax anke lili prova jaghmilieli wkoll Sur Magistrat … Imma jien kont naf x'inhu. Jitlobni l-flus u jekk mmur biex inkellmu jcempel lil pulizija li hedditu. Hekk jaghmel dan*".[15] Fid-dawl ta' din ix-xhieda ta' wiehed mill-familjari ta' Buttigieg stess, il-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess Buttigieg tkompli tonqos. Imbaghad, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-fedina penali tal-istess Duncan Buttigieg, kif aggornata sa Novembru 2016, liema fedina penali hija wahda tassew refrattarja u mizghuda b'diversi kundanni dwar frodi b'eghmil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti u/jew uzu ta' dokumenti ffalsifikati, apparti reati ohrajn, inkluz il-misappproprijazzjoni u serq.

Ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, fuq citat, il-kondotta u l-karattru tax-xhud, certament riflessi fil-fedina penali kopjuza tieghu, jimpingu direttament fuq il-kredibilita` tal-istess xhud.

Il-Qorti qieset ukoll, imbaghad, l-argument tal-Prosekuzzjoni u dan fis-sens illi permezz tal-istqarrija tieghu li huwa sussegwentement ikkonfermaha bil-gurament, ix-xhud Buttigieg tefa' l-gebla fuq saqajh u gie mressaq huwa stess akkuzat bil-pussess 'semplici' tad-droga kokaina. Ukoll skont il-Prosekuzzjoni, stante illi l-istess Buttigieg kien recidiv, huwa pogga lilu nniffsu f'sitwazzjoni fejn possibilment seta' jinghata piena ta' prigunerija u ghalhekk, dejjem skont il-Prosekuzzjoni, l-istess xhud ghandu jitwemmen minn din il-Qorti. Biss f'dan ir-rigward, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi lill-istess Buttigieg gew spjegati l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, specjalment tenut kont tal-fatt illi huwa kien ilu f'kuntatt mal-pulizija sakemm finalment iddecieda li jirrilaxxja stqarrija fil-konfront tal-imputat u jikkonfermaha bil-gurament. In oltre ghalkemm naturalment kollox huwa possibbli u piena ta' prigunerija hija verament ikkontemplata mil-ligi anke ghall-pussess 'semplici' tad-droga, pero` tenut kont tac-cirkostanzi ta' dak il-kaz, fejn allura l-istess Buttigieg kien "ghen lill-pulizija sabiex tasal ghall-fornitur tieghu", u tenut kont ukoll illi skont hu, dak iz-zmien kien ilu l-boghod mid-droga ghall-perjodu ta' sena u nofs, il-possibilita` li jinghata piena ta' prigunerija effettiva kienet wahda tassew remota. Effettivament, kif jirrizulta wkoll mill-fedina penali tieghu, dwar dan il-kaz, li huwa l-unika kaz li kellu dwar pussess ta' droga kokaina, huwa gie kkundannat ghal piena ta' multa fil-minimu taghha.

---

14 A fol. 176 u 177 tal-process.
15 A fol. 177 tal-process.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha li gew ikkunsidrati izjed 'il fuq, il-Qorti ma tarax kif tista' tasal sabiex tikkonkludi illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, ghal dak li jirrigwarda r-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (e) u (f).

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet appena msemmija ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati.

Permezz tal-imputazzjoni (c), l-imputat gie akkuzat ukoll talli "*f'dawn l-ahhar sena u nofs*", huwa kien fil-pussess 'semplici' tad-droga kokaina. Dwar dan, apparti illi fir-residenza tal-istess imputat instabet mgharfa bit-tracci tal-kokaina, fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kien ghaddej minn zmien hazin hafna minhabba l-mard ta' ommu u li ghalhekk gieli abbuza mill-kokaina. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena dwar l-imputazzjoni (c), il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Ottubru 2016, liema fedina penali tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar reat bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, liema reat jirrisali ghas-sena 2001 u reat bi ksur tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat jirrisali ghas-sena 2010. Dwar dawn, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata u piena pekunjarja rispettivament.

Tqis ukoll illi mill-atti tal-kaz u b'mod partikolari l-ammont ta' rikorsi li ntavola l-imputat fil-mori tal-proceduri sabiex jigi awtorizzat isiefer in konnessjoni max-xoghol tieghu ta' fotografija, jidher illi l-istess imputat ghandu mpjieg stabbli.

Tqis in oltre illi mill-atti m'hemmx prova illi fiz-zmien odjern, l-imputat kellu fil-pussess tieghu izjed minn zewg grammi kokaina u ghaldaqstant, stante illi d-dubju ghandu dejjem imur favur l-imputat, il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (d), (e) u (f) migjuba fil-konfront tieghu u

qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjoni (c) u qed tikkundannah ghall-penali ta' disghin ewro (€90).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia nofs[16] l-ispejjez relatati mal-hatra tal-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti dan in-nofs ghas-somma ta' mija, disgha u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€199.24), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum. Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Dr. Martin Bajada stante illi r-relazzjoni tal-imsemmi espert serviet mhux sabiex tinstab htija fl-imputat, izda pjuttost sabiex jigi liberat min-numru ta' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti relatati mal-uzu tad-droga, ezebiti bhala Dokument JB4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument JB3 favur il-hati.

In vista tal-fatt illi l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet (e) u (f), il-Qorti ma tqisx illi ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[16] Il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati ghal nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-Ispizjar Mario Mifsud stante illi xi whud mill-oggetti li fuqhom saret l-analizi rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.